MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 305/2011

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**vs**

**Ruben Fenech [K.I. Nru. 465473M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fl-1 ta' April, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tmien mija hamsa u erbghin euro u tnax-il centezmu ta' euro (€1,845.12) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf tmien mija hamsa u erbghin euro u tnax-il centezmu ta' euro (€1,845.12) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici bhala hlas ta' servizzi pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont hawn anness u mmarkat "Dok. A");

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-14 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-14 ta' Marzu, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra ukoll d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokument A;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tmien mija hamsa u erbghin euro u tnax-il centezmu ta' euro (€1,845.12), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------